MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 219/2013

**A B**
**vs**
**C D E F G**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attrici tal-25 ta’ April 2013 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

Illi l-partijiet izzewgu fl-Egittu nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tal-elfejn u sitta (13.09.2006) u dan skont id-dikjarazzjoni taht l-intestatura "Att taz-Zwieg" mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Illi sussegwentament ir-rikorrenti u zewgha gew jirrisjedu Malta u dan min kif jidher mill-Att taz-Zwieg mahrug mir-Registru Pubbliku;

Illi fis-16 ta' Frar, 2007 u cioe fiz-zmien qabel ma gew jirrisjedu Malta sabiex jistabilixxu l-hajja mizzewga taghhom f'Malta, huma ipprezentaw rikors fil-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) ta' Malta, sabiex jirregolaw l-pozizzjoni tar-regim matrimonjali taghhom billi jeskludu r-regim matrimonjali tal-akkwisti milli jirregola r-relazzjonijiet patrimonjali ta' bejniethom u talbu lil Qorti illi jkollhom is-separazzjoni tal-propjeta';

Illi l-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) kienet laqghet it-talba taghhom maghmula fir-rikors fuq riferit, liema digriet gie ddekredat fl-14 ta' Marzu tal-2007;
Illi a bazi tal-awtorizzazzjoni tal-imsemmija Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja), r-rikorrenti A B u l-intimat zewgha C Mohammed E F G, resqu ghall-Att Notarili li sar fl-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007) fl-Atti tan-Nutar Reuben Casingena;

Illi minn dan iz-zwieg ma tweldux tfal;

Illi l-ebda manteniment ma huma qed jaghtu jew li bil-ligi obbligati li jaghtu lil xulxin;

Illi r-rikorrenti A B u l-intimat zewgha C D E F G ilhom separati "de-facto" ghal dawn l-ahhar erba snin u tmien xhur u m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi qeghdin jghixu hajja totalment separata min xulxin tant;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 668 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja medjazzjoni:

1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-

Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

U li dan kollu jsir salv kundizzjonijiet ohra li din l-Onorabbli Qorti thoss li jkunu xierqa u opportuni.

Rat li l-konvenut ta ruhu b'notifikat seduta stante pero' ma pprezentax risposta;

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors thalla ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwu fit-13 ta' Settembru 2006, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi fl-20 ta' Marzu 2007 il-partijiet kienu resqu fuq kitba taz-zwieg ippubblikata min Nutar Ruben Casingena li permezz taghha eskludew il-komunjoni tal-akkwisti u adottaw bhala regim matrimonjali is-separazzjoni tal-proprjeta'.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------